Kunsill Lokali L-Imsida

# STQARRIJA PUBBLIKA

Il-Kunsill Lokali tal-Imsida juru d-diżapprovazzjoni tiegħu fuq dak li nħareġ fuq il-midja indipendenti rigward il-pont pedonali fejn il-Kunsill kien għadu fil-għama.

Il-Kunsill Lokali tal-Imsida unanimament ivvota kontra dan il-pont pedonali fil-laqgħa ta' Novembru 2025. Konsegwentament, fil-15 ta' Diċembru 2025 l-istess Kunsill iltaqa' mal-Ministru flimkien mal-Kap Eżekuttiv sabiex jiddiskuti numru ta' sfidi, u ghaldaqstant, unanimament l-istess membri qablu kontra dan il-pont.

Dakinhar tal-laqgha kien gie mitkellem li ġaladarba dan il pont jiġi ddisinjat jerġa' jkun hemm diskussjoni mal-istess Kunsill sabiex min-naħa tiegħu l-Kunsill tal-Imsida jagħmel laqgħa ta' konsultazzjoni għar-residenti kkonċernati.

Il-pont kien ser jagħmel parti mil-ewwel proġett li mal-ewwel daqqa t'għajn kien hemm diġà diżapprovazzjoni dwaru. Fil-verità, dan il-pont hekk propost se jkun aktar ta' inkonvenjent għal min se jkun qed jaqsam bil-mixi għax, minflok jaqsam minn fuq pedestrian lights, issa jrid jitla' pont għoli aktar minn 6 metri biex jaqsam għan-naħa l-oħra. Barra minn dan, din ser tkun ukoll diffiċli għal persuni bi problemi ta' mobbiltà, bir-rota, b'wheelchair jew b'pushchair, fost oħrajn, biex jaqsam Triq il-Marina, partikolarment jekk il-lift ma jkunx qed jaħdem. Waħda mid-diffikultajiet hija wkoll il-lift, fejn ħafna mid-drabi f'postijiet oħra fejn hemm l-istess sistema dawn il-lifts fil-maġġorparti tagħhom ma jkunux qed jaħdmu.

Sabiex nikkonkludu nixtiequ nirrimarka li bħalma dan il-Kunsill kien kontra bini ta' pont pedonali lura fl-2021, illum nerġgħu ntennu l-istess argument. Għaldaqstant bħala Kunsill nibqgħu ninsistu li nsibu soluzzjoni alternattiva u aktar sostenibbli rigward dan il-pont pedonali.

Iffirmati:

Charles Selvaggi – Sindku
Christine Amaira – Viċi Sindku
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Jean-Claude Borg – Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Andrew Mallia – Kunsillier
Christopher Borg – Kunsillier